StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livelli
6 – 7

**L-EWWEL SENA IL-MALTI IL-ĦIN: KWARTA**

**IS-SMIGĦ MILL-QARI**

**Il-Karta għall-Għalliema**

*L-għalliem/a jaqra s-silta bil-mod u wara jaqra l-mistoqsijiet. L-għalliem/a jerġa' jaqra s-silta u wara jerġa' jaqra l-mistoqsijiet waħda waħda bil-mod, biex jagħti ċans lill-istudenti jwieġbu wara kull mistoqsija. L-istudenti jkunu jistgħu jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet biss wara l-ewwel qari u ma jistgħux jiktbu fuqha qabel ma jintemm it-tieni qari.*

Owen rabat il-kelb biċ-ċinga biex jieħdu miegħu. Imbagħad ħareġ ma' Ron. Dan ra li l-mutur kien ipparkjat sew mal-bankina, u mbagħad telqu lejn l-għalqa.

Fit-triq Owen qagħad jgħid lil Ron kif kien sab il-kokka u ħadha d-dar. Qallu x'ġara d-dar sakemm damet għandhom u qallu wkoll x'kien sar jaf in-nannu Renzo mingħand Gustavu Mejlak. Qallu wkoll li hu beża' mill-kokka u mar ħbieha fl-għalqa.

Meta waslu ħdejn l-għalqa ma kien jidher ħadd. Ix-xemx kienet għadha qawwija. Owen u Ron resqu ħdejn is-siġra tal-kappar. Sprint, il-kelb, mill-ewwel beda jħaffer b'saqajh. Owen ħaffer ukoll. Dritt deher l-għatu tal-kaxxa. "Hawn qiegħda l-kokka, Ron, f'din il-kaxxa," qal Owen.

Mistoqsijiet

1. Owen biex rabat il-kelb?
2. X'kien sab Owen?
3. Ma' min kien tkellem in-nannu Renzo?
4. Xħin waslu l-għalqa lil min raw?
5. Min beda jħaffer l-ewwel?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livell
6 – 7

**L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI** | **IL-ĦIN: KWARTA**

**IS-SMIGĦ MILL-QARI**

**Il-Karta għall-Istudenti**

**L-Isem:** ___________________________ **Il-Klassi:** _______________

It-Tweġibiet **(10 marki)**

*Isma' sewwa s-silta tinqara għal darbtejn u wara wieġeb waħda waħda l-mistoqsijiet li jsirulek fuqha billi taqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.*

1. Owen rabat il-kelb (a) b'ħabel; (b) bi spaga; (ċ) b'ċinga.

2. Owen kien sab: (a) kokka; (b) żarbuna; (ċ) ktieb.

3. In-nannu Renzo kien kellem lil (a) Ron; (b) Owen; (ċ) Gustavu Mejlak.

4. Xħin waslu l-għalqa: (a) raw raġel; (b) raw mara; (ċ) ma raw lil ħadd.

5. L-ewwel li beda jħaffer kien: (a) Ron; (b) il-kelb; (ċ) Owen.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2012**

Il-Livelli
6 – 7

**L-EWWEL SENA | IL-MALTI | IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Oral** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | **10** | **16** | **4** | **10** | **20** | **20** | **10** | **10** | **100** |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta minn gazzetta lokali u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***




Ħalliel liebes beritta, qalziet qasir u flokk skur, u armat b'sikkina, ilbieraħ daħal jisraq mill-ħanut "*Style Clothing*". Dan hu ħanut li jbigħ ħwejjeġ u oġġetti prezzjużi u li jinsab fi Triq Daħlet ix-Xwieni f'Wied ir-Ram. Minn hemm seraq aktar minn elf ewro fi flus. Dan il-każ seħħ għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. (*par. 1*)

Dak il-ħin fil-ħanut kien hemm impjegata ta' madwar għoxrin sena. Kif daħal, il-ħalliel mar fuqha, beda jheddidha bis-sikkina u ordnalha tagħtih il-flus. Skont din it-tfajla, il-ħalliel kellu d-daqna u fuq idu x-xellugija kellu tpinġija ta' stallett. Meta rat li ma setgħet tagħmel xejn, it-tfajla ma kellhiex għażla oħra ħlief li tgħaddi l-flus li kellha fil-*cash register* lill-kriminal. Dan, kif ħataf il-flus, telaq jiġri 'l barra u ħarab b'mutur. (*par. 2*)

Fuq il-post marru l-Pulizija tad-Distrett biex jaraw x'ġara. B'dan il-każ, fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena n-numru ta' *hold-ups* li nafu bihom aħna s'issa tela' għal 36 każ. (*par. 3*)

(Addattament minn rapport f'gazzetta lokali. L-ismijiet u l-postijiet huma fittizji.)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Agħti isem lil din is-silta.

   ______________________________ (marka)

2. X'kellu f'idu l-ħalliel li daħal fil-ħanut?

   ______________________________ (marka)

3. Xi jbigħ dan il-ħanut?

   ______________________________ (2 marki)

4. Fejn seħħet din is-serqa?

   ______________________________ (marka)

5. Kemm kien hemm flus fil-ħanut u fejn kienu dawn il-flus?

   ______________________________ (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6. Kemm kellha żmien l-impjegata li kien hemm fil-ħanut?

______________________________________________________ (marka)

7. Min mar fuq il-post biex jara x'ġara?

______________________________________________________ (marka)

8. Kif taħseb li l-pulizija jistgħu jaqbdu lill-ħalliel? (*Immarka t-tweġiba t-tajba.*)
Dawn jistgħu jaqbduh għax:

(a) jagħrfuh mill-beritta u l-flokk skur. ___

(b) jagħrfuh mill-kulur tal-mutur. ___

(ċ) jagħrfuh mit-tpinġija ta' stallett fuq idu x-xellugija. ___ (marka)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (16-il marka) |
|---|---|

**LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Flok ***seħħ*** (*par.1*) nistgħu niktbu: ________________________. (marka)

2. Liema kelma mit-tieni paragrafu tfisser l-istess bħal ***ħalliel***?
Il-kelma hi: ________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

3. Immarka t-tajba. Il-verb: ***tgħaddi*** (*par.2*) qiegħed jirreferi:
(a) għat-tfajla ___; (b) għall-ħalliel ___; (ċ) għall-pulizija ____. (marka)

4. Il-kelma ***hold-ups*** *(par.3)* ġejja:
a) mill-Għarbi ____ ; b) mit-Taljan ____ ; ċ) mill-Ingliż ____ . (marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

***Aqra sewwa din is-silta qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.***

Is-Sur Said kien qiegħed jagħmel lezzjoni fuq id-deheb u kif dan tista' tiġrilu l-ħsara jekk jitħalla ħafna fix-xemx. Iżda Pawlu ma kienx attent. Moħħu kien f'karozza Ferrari li kien hemm barra mit-tieqa. Għalhekk l-għalliem staqsieh, "Pawl, x'jiġrilu d-deheb jekk jitħalla fix-xemx?" "Jinsteraq Sir," wieġbu Pawlu.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Ikteb tliet konsonanti xemxin differenti li ssib fis-sentenza: "*Iżda Pawlu ma kienx att*

Il-konsonanti huma: _______; _______; _______. (3 marki)

6. Ikteb l-għerq tal-kelma fl-ispazju provdut:

(a) jagħmel ______________________ ; (b) tista' ___________________ (2 marki)

7. L-għerq tal-verb ***jiġrilu*** hu **Ġ-R-J**. Ikteb tliet kelmiet li għandhom dan l-għerq.

It-tliet kelmiet huma:

__________________; __________________; ___________________ . (3 marki)

8. Mill-ewwel sentenza sib u ikteb:

(a) verb sħiħ ________________

(b) verb dgħajjef ________________ (2 marki)

9. Mis-sentenza "*Pawl, x'jiġrilu d-deheb jekk jitħalla fix-xemx?*" sib u ikteb:

(a) nom proprju: ______________________

(b) nom komuni fil-femminil: ______________________ (2 marki)

## Ċ. L-IDJOMATIKA (4 marki)

1. L-Idjoma (2 marki)

Aħna nistgħu nużaw il-kuluri bħala idjomi biex id-diskors tagħna jkun aktar sabiħ. Agħżel waħda minn dawn l-idjomi li ġejjin u ikteb sentenza biha, biex fl-istess ħin tagħti t-tifsira tagħha: (a) isfar lellux, (b) aħmar peprin, (ċ) abjad karti, (d) iswed faħma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Il-Qawl (2 marki)

Biex nuru li rridu nieħdu paċenzja, ħafna drabi nużaw xi qawl marbut ma' tama jew sabar. Fil-Kurrikulu tal-Malti nsibu li jeżistu qwiel dwar it-tama u s-sabar f'lingwi bħat-Taljan u anke l-Ingliż. Liema minn dawn il-qwiel Maltin li ġejjin ifisser: *Ħu paċenzja, illum jew għada jirnexxilek tikseb dak li trid*. Immarka t-tweġiba t-tajba.

(a) Min jgħix bit-tama jmut bil-piena. _____
(b) Aqta jiesek u berred bużbieżek. _____
(ċ) Min jistenna jithenna. _____



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 m...

Din is-sena fil-klassi tgħallimt kif għandek tikteb ittra informali, skont kif indikat fil-Kurrikulu tal-Malti. Int għandek ħabib/ħabiba li fis-sajf ma tiltaqax miegħu/magħha. Ikteb ittra ta' madwar **50 kelma** lil dan il-ħabib jew din il-ħabiba tiegħek biex tistiednu/tistedinha tqattgħu ġimgħa flimkien fl-appartament tal-familja tiegħek f'waħda mill-bajjiet ewlenin ta' pajjiżna. Tinsiex tiffirma ismek fl-aħħar.

15, Triq il-Knisja
Tal-Bies
Ħal Tartarni TRN 1287

4 ta' Ġunju, 2012

Għażiż/a ___________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. LETTERATURA** (20 m[arki])

**(i) Nadriet 1**

1. Mill-poeżija **Il-Ħolma t'Alla** ta' Anton Buttigieg, x'tagħlima nistgħu nieħdu dwar l-ambjent naturali?

_______________________________________________(2 marki)

2. Il-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem** ta' Patri Ġużè Delia hi leġġenda dwar dan il-qaddis. Għaliex din it-tip ta' poeżija ngħidulha leġġenda?

_______________________________________________(2 marki)

3. Fil-poeżija **Bjuda**, Dun Karm jgħid li jara l-bjuda filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. Fiex ifakkruna dawn it-tliet ħinijiet tal-ġurnata li jsemmi l-poeta?

_______________________________________________(2 marki)

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi** (2 marki)

Agħżel waħda minn dawn il-poeżiji li nsibu f'**Aktar Nadriet Poetiċi** u għid fi kliemek dwar xiex tittratta: *Il-Ħerża, Raħal Twelidi, Il-Kebbies tal-Fanali, distanza, Tristis Est Anima Mea, Dik Mewġa, Xmara Ħamra Bruka Xiħa, Xita*.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**(iii) Stejjer tal-Linka -** Sedqa (6 marki)

Wieġeb **tnejn** minn dawn il-mistoqsijiet dwar l-istejjer li nsibu fil-ktieb *Stejjer tal-Linka.*

a. Fil-ħrafa **Il-Kokka u l-Werżieq**, il-kokka ma setgħetx tissaporti l-ħsejjes tal-werżieq. Kif taħseb li l-mistoqsijiet li għamlet lilha nnifisha għenuha ssib soluzzjoni għall-problema?

_______________________________________________

_______________________________________________

b. Fis-silta **L-Iskola**, it-tifla qiegħda titkellem dwar il-klassi tagħha u tgħid għaliex il-klassi ma kinetx togħġobha. Int u sħabek ukoll tkellimtu dwar il-klassi tagħkom. Kif taħseb li l-klassi tiegħek tista' tkun aħjar milli hi?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ċ. F’**Sunny,** niltaqgħu ma’ tifel li kien jgħix f’istitut tas-sorijiet għax ma kellux ġe
Imma hu dejjem xtaq li jkollu omm u għalhekk ipprova jivvinta waħda. X’nitgħal
minn din l-istorja?

**(iv) Zito Zandarell** ta’ Carmel G. Cauchi (6 marki)

Wieġeb (**a**) jew (**b**) u ikteb madwar 40 kelma.

a) Fil-klassi int u sħabek tkellimtu dwar l-*extra*-terrestri u l-vetturi spazjali. Jingħad li spiss l-*extra*-terrestri jkollhom ħiliet speċjali. Semmi waħda mill-ħiliet speċjali li kellu Zito Zandarell u irrakkonta episodju mir-rumanz li fih Zito juża din il-ħila speċjali.

**JEW**

b) Fir-rumanz **Zito Zandarell**, insibu numru ta’ karattri li għandhom qalbhom tajba. Semmi episodju fejn naraw lil xi karattru juri qalb tajba ma’ xi ħadd u irrakkonta fi kliemek x’kien ġara.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. KOMPONIMENT (2…

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **150 kelma** fuq karta separata.

1. Ħafna jħobbu jisimgħu stejjer tal-biża' jew jaraw films dwar il-ħares. Int smajt xi darba xi storja dwar il-ħares? Bżajt xejn? Irrakkonta din l-istorja li tant laqtitek. (Żomm f'moħħok dak li tgħallimtu fil-klassi dwar il-kitba narrattiva ta' stejjer tal-biża'.)

2. Fil-klassi tgħallimt xi tfisser il-kelma awtobijografija – li tikteb dwarek innifsek u dwar dak li jiġri lilek. Darba waħda, meta kont għadek żgħir/żgħira ġratlek xi ħaġa li bqajt tiftakarha sal-lum. X'kienet din il-ġrajja? Kienet sabiħa jew kerha? Ikteb din l-istorja li ġratlek.

3. Ilek ma tara xi film sabiħ? Liema kien l-aħħar wieħed li rajt? Għid fuqiex kien jittratta dan il-film u għaliex għoġbok meta rajtu.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers